Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

**Il-Pulizija
(Sp. Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Paul Grima ta' 42 sena, iben Bartolomeo (Albert) U Manwela nee Grima, imwieled St Paul's Bay fit-30 ta' Marzu, 1961, u joqghod f'Dar Numru 1, Triq l-Imgiebah, Selmun detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 288561M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Paul Grima li gie akkuzat talli fil-15 ta’ Lulju, 2003 u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer,

(a) iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid,
(b) ghamel uzu, xjentement ta’ marka, sinjal tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema,
(c) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jwe zamm ghandu ghall-bejgh jew import ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbha b’qerq u cioe numru ta’ videos, compact disks tal-muzika, loghba tal-Playstation u DVD’s foloz.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghal qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xihaga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esbiti.

Rat l-ammissjoni bikrija.

Rat il-kunsens ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat m’ghandux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat id-debita kwerela.

Rat li hu kkopera bi shih anke fi stadju ta’ investigazzjoni (ara stqarrija).

Rat l-art 298(1)(f), 298 (B)(1) tal-Kap 9.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum wara li rat l-art 22 tal-Kap 446.

Tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti formalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------